MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 879/2007

**Idea Casa Company Limited (C 24516)**

**Vs**

**Riccardo Greco (ID 43164 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Novembru 2007 fejn gie premess illi s-socjeta` attrici issuplixxiet *parquet flooring* u wettqet xogholijiet ta` tqeghid ta` l-istess *parquet* lill-konvenut a karigu tieghu stess fl-ammont ta` tlett t`elef, mija u erbghin Euro (€3,140), illi l-konvenut allega illi l-*parquet* kien difettuz in parte, illi nonostante illi s-socjeta` attrici offriet lil konvenut li jbiddel il-parquet, il-klijent, u cioe il-konvenut baqgha jirrifjuta, illi ghalkemm is-socjeta` attrici assigurat lill-konvenut illi x-xoghol kien se jkun maghmul sew, is-

socjeta` attrici harget cheque bankarju a favur il-konvenut b'kundizzjoni illi c-cheque kellu jissarraf biss meta l-partijiet jaqblu illi l-*parquet* difettuz kien se jitnehha u jittiehed lura mis-socjeta` attrici, illi minflok u minghajr qbil mas-socjeta` attrici, il-konvenut qabad u unilateralment iddecieda li jsarraf ic-cheque, waqt illi prezentament ghadu jzomm u jgawdi l-*parquet*, illi fic-cirkostanzi l-konvenut filwaqt illi akkwista l-*parquet* minghand is-socjeta` attrici effettivament ghadu ma hallasx ghal tali *parquet* u t-tqeghid ta` l-istess stante it-tisrif abbuziv u illegali ta` l-imsemmi cheque, illi l-imsemmi cheque kellu valur fl-ammont ta` elfejn, hames mija u sebgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin euro centezmi (€2,527.37), illi ghalhekk is-socjeta` attrici titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal is-segwenti:

(i) Jiddikjara illi c-cheque gie msarraf abbuzivament u bi ksur ta` l-arrangament li kien hemm bejn il-partijiet;
(ii) Jiddikjara li l-ammont ta` elfejn, hames mija u sebgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin euro centezmi (€2,527.37) tal-parquet u t-tqeghid ta` l-istess ghadu dovut lis-socjeta` attrici;
(iii) Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta` elfejn, hames mija u sebgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin euro centezmi (€2,527.37) u l-interessi u bl-ispejjes.

Ra r-**risposta** tas-socjeta` konvenuta tal-14 ta' Mejju 2008, fejn gie eccepit illi l-konvenut jichad bil-qawwa kollha l-allegazzjoni illi hu abbusivament sarraf ic-cekk lilu moghti, illi skond l-arrangament ta` bejn il-partijiet, is-socjeta` attrici kella tibdel il-*parquet* minnha suplit u minnha mwahhal hazin pero` din baqghet ma ghamlet xejn minn dan, illi biex jitbiddel il-*parquet* u jerga` jitwahhal, il-konvenut kien ser ikollu johrog mill-appartament flimkien ma` martu u wliedu, kif ukoll jimpjega lil xi hadd sabiex joqghod ghassa ma' l-impjegati tas-socjeta` attrici waqt li dawn jaqilghu l-*parquet* difettuz u mwahhal hazin u jbidluh b`*parquet* tal-kwalita` pattwita, mwahhal skond sengha u l-arti. Is-socjeta` attrici rrifjutat thallas ghall-ispejjez li kellu jidhol fihom l-attur sabiex isir ix-xoghol kif suppost u ghalhekk sar ftehim bejn il-partijiet,

illi s-socjeta` attrici kienet ser izzomm l-ammont ta` sitt mija u tnax il-Euro u tlieta u sittin centezmu (€612.63) li huwa d-differenza bejn tlett t`elef, mija u erbghin Euro (€3,140) imhallsa mill-attur lis-socjeta` attrici ghal *parquet* in kwistjoni, inkluz ix-xoghol ta` twahhil tieghu neqsin elfejn, hames mija u sebgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin euro centezmi (€2,527.37) imhallsa mis-socjeta` attrici lill-konvenut bhala rifuzjoni tal-prezz tal-*parquet* diffettuz minnha suplit lilu. Ghaldaqstant il-ftehim kisritu s-socjeta` attrici u mhux il-konvenut billi circa sena u disa` xhur wara li saret it-transazzjoni bejn il-partijiet, din qed tipprova tithallas ghal materjal li kemm hi, kif ukoll id-ditta barranija li timmanifatturah, it-tnejn ammettew li kien difettuz. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhiedha kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Ha konjizzjoni tal-atti kollha tal-kaz.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

**Anthony Sammut**, bhala direttur tas-socjeta` attrici spjega illi disghin fil-mija tal-ammount dovut fuq ix-xoghol li kien sar kienu diga gew imhallsa mill-konvenut meta dan ix-xoghol tlesta. Il-konvenut sostna li min kien ghamel "*il-muntagg tal-parquet m`ghamilx l-ahjar li setgha*", pero` skond ix-xhud din ma kienitx kwistjoni ta` difett fil-prodott. Jidher li l-ilment tal-konvenut kien dwar xi partijiet tal-*parquet* fejn "*l-installer taghna kien sammar daqsxejn iktar milli missu u kien tajrilhom ix-xifer taghhom*".

Dan gie ivverifikat anke mix-xhud stess, u peress li l-konvenut ma kienx sodisfatt, is-socjeta` attrici offriet diversi soluzzjonijiet. Is-socjeta` attrici offriet li jkun hemm skont ta` ghaxra fil-mija (10%) mil-kont filwaqt li jinbiddlu dawk il-planki affettwati. Ghalkemm il-materjal, li bih kellu jsir ix-xoghol il-gdid, wasal minn barra, dan qatt ma tpogga ghas-semplici fatt li l-konvenut kien qal lis-socjeta` attrici li jekk ix-xoghol jerga` ma jkunx sodisfacenti, huwa

jitlob li jinqala` kollox filwaqt li jigi moghti l-flus kollha li kien hallas.

Minhabba din il-garanzija, ix-xhud kien hareg cheque ekwivalenti ghall-ammont li kien hallas il-konvenut, bil-patt u l-kundizzjoni li dan ma jissarrafx sakemm jsir it-tibdil fil-materjal gdid. Konsegwentament, is-socjeta` attrici qatt ma thalliet taghmel it-tibdil necessarju minhabba rezistenza minn naha tal-konvenut u sussegwentament Sammut gie mgharraf mill-*accountant* tieghu li c-cheque issarraf jumejn qabel l-iskadenza tieghu.

In kontro-ezami (fol 23) ix-xhud ammetta li kien hemm xi percentwal baxx tal-materjal li kien difettuz, pero` jsostni li l-problema tal-konvenut tikkoncerna l-installazzjoni.

Jghid illi l-konvenut wiegeb li biex jiehu lura l-*parquet*, is-socjeta` attrici kellha thallas ghall-akkomodazzjoni go lukanda kif ukoll talabhom garanzija personali fil-kaz li jaghmlulu xi hsara fir-residenza tieghu.

**Noel Pace**, *Salesman* mas-socjeta` attrici jikkonferma li, meta l-konvenut sejjahlu fuq il-post halli jivverifika l-ilment, kienu ordnaw madwar tletin fil-mija tal-materjal biex jkunu certi li jkopru l-problema kollha. Ghalkemm is-socjeta` attrici ikkomunikat kemm il-darba mal-konvenut sabiex tara meta kien l-ahjar ghaliex biex jitwettaq ix-xoghol, minhabba ragunijiet partikolari tal-konvenut, dan baqa` qatt ma sar.

In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma l-problema ma kienitx fil-*parquet* pero` fl-installazzjoni. Naturalment, biex jinbidel dak difettuz kellhom jinqalghu xi partijiet mill-*parquet*. Pero` Pace sostna li qatt ma kien sema` lill-konvenut jsemmi li s-socjeta attrici kella thallas xi akkomodazzjoni jew garanziji.

**Riccardo Greco**, il-konvenut, xehed li huwa immedjatament ma kienx kuntent bix-xoghol li sar. Infatti jghid li il-problema kienet minhabba li l-persuna li baghtet is-socjeta` attrici ma kienitx tas-sengha. L-*iskirting* tal-kamra kien faqqa minhabba li gie ippressat iz-zejjed, kif

ukoll il-*parquet* kien kollu daqqiet tal-martell – mentri kull ma kellu jsir huwa biss *clipping on*.

Il-konvenut sostna li ma jintbghatx l-istess haddiem biex jsir ix-xoghol rimedjali. Jghid illi s-socjeta` attrici issuggeriet li x-xoghol jsir kamra kamra, ma' liema suggeriment il-konvenut ma kienx qabel. Ic-cheque gie imsarraf minhabba l-fatt li kellu jhallas l-ispejjez ghal madum li tkisser waqt il-process tat-twahhil tal-*parquet*.

In kontro-ezami, il-konvenut jikkonferma li l-*parquet* ghadu fl-appartament tieghu u qieghed jintuza.

**Caroline Mohnani Greco** xehdet li meta tqieghed il-*parquet* ma kien hemm l-ebda ghamara, pero` wara li tpoggiet l-ghamara il-*parquet* beda` jinbezaq il-fuq. Xi hsarat fuq il-madum tal-*bathroom* instabu ukoll minhabba daqqiet tal-martell waqt li kien qed jsir ix-xoghol fuq il-*parquet*.

Ghalkemm ix-xhud kienet qablet li jinbidel il-*parquet*, dan kien impossibli ghalihom minhabba li jienu qed jirrisjedu fil-post diga`. Is-socjeta` attrici ma riditx li thallas ghall-akkomodazzjoni alternattiva sakemm jsiru ix-xoghlijiet.

In kontro-ezami tikkonferma li l-*parquet* ghadu jintuza fir-residenza taghhom.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi mal-konsenja tac-cekk da parti tas-socjeta` attrici lill-konvenut jidher illi kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet illi dak l-istess cheque kellu jissarraf biss meta z-zewg partijiet jaqblu illi kellu jitnehha l-parquet difettuz. Dan jirrizulta mid-dokument a *fol 3* tal-process u ma jirrizulta minn mkien illi kien kkontestat mill-konvenut.

Mill-apprezzament tal-provi li gew prodotti kif maghmul minn dan it-Tribunal, jirrizulta illi dan il-ftehim li kien miftiehem ma ntlahaq qatt. Anzi, l-istess konvenut ighid illi sarraf ic-cekk li kien lilu moghti peress illi ried ihallas tal-madum li tkisser – definittivament dan, mhux parti mill-

ftehim hawn fuq msemmi. Il-konvenut ighid anke izjed minn hekk – illi s-socjeta` attrici offriet illi taghmel ix-xoghol rimedjali kamra kamra – izda kien hu illi rrifjuta. Jirrizulta illi ried illi jigi kkumpensat ta' allogg f'lukanda sakemm isiru ix-xogholijiet rimedjali, jigi kkumpensat biex iqabbad lil xi hadd jissorvelja x-xoghol rimedjali u joqghod ghassa mal-haddiema tas-socjeta` attrici.

It-Tribunal ihoss illi, apparti ghalissa il-ftehim milhuq bejn il-partijiet kif hawn fuq riferit, is-socjeta` attrici fdat u mxiet sewwa mal-konvenut meta kkonsenjatlu c-cekk biex huwa jassikura ruhu mix-xogholijiet rimedjali li kellhom isiru. Fdatu, urietu illi kienet lesta taghmel ix-xogholijiet rimedjali, rrifondietlu ammont sostanzjali minn dak li kien mhallas, offriet illi taghmel ix-xoghol kamra kamra, assikuratu minn parquet ta' kwalita` tajba u tat lill-konvenut l-ingredjenti kollha li venditur kellu jaghti sabiex il-kompratur/konsumatur ihossu komdnu fic-cirkostanzi (forsi anke esagerati mill-konvenut) li safa fihom.

Illi l-konvenut, flok, accetta din is-sitwazzjoni, pjuttost insolita fil-hajja tan-negozju, ttanta japprofitta ruhu u minflok ma ikkoopera sabiex dejjem jigu minimizzati d-danni minnhu sofferti (jekk wiehed jista` jikkunsirda x-xoghol hazin bhala danni sofferti) – ittanta japprofitta ruhu u jitlob danni illi certament ma kienx jikkwalifika ghalihom ghax ma sofriehomx. Mhux biss – imma flok imminimizza, huwa addirittura ittanta jimmultiplika d-danni minnhu mitluba.

Konsiderazzjonijiet ohra illi qed jaghmel it-Tribunal huma fost ohrajn, illi l-*parquet* nstallat ghand il-konvenut baqa` ghandu u jirrizulta mhux biss illi ma giex depositat (anke informalment) fil-Qorti, izda li addirittura ghandu jintuza regolarment mill-istess konvenut. Ukoll illi l-konvenut ma ressaq ebda kontro-talba ghal dak minnhu allegat u lanqas ma jirrizulta illi l-konvenut ha xi procedura ohra kwalsiasi sabiex jipprotegi l-posizzjoni tieghu kontra dak minnhu allegat, imqar fil-kapacita` tieghu ta' konsumatur.

Jibqa` l-fatt l-aktar importanti li jwassal lil dan it-Tribunal sabiex jaqta` u jiddetermina din il-pendenza, ossia`, illi l-

ftehim milhuq mal-konsenja tac-cekk gie miksur mill-konvenut. *This cheque will be cashed once both parties agree to remove defective parquet* – ftehim dan li baqa` ma ntlahaqx u konsegwentament il-konvenut ma setghax isarfu. Bi ksur tal-ftehim *de quo* stabbilit – it-talba attrici ghandha tirrizulta giustifikata. It-Tribunal ihoss illi l-konvenut ma kellux dritt illi jaqbad u jsarraf ic-cekk lilu kkonsenjat, ghar-ragunijiet minnhu dikjarati – ghaliex ma kienx kkonsenjat lilu ghar-raguni li ghaliha sarrfu kif minnhu stess dikjarat.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal, wara illi qies il-provi kollha prodotti, sema` x-xhiedha kollha mressqa u ra d-dokumenti kollha esebiti, ghar-ragunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elfejn hames mija u seba` u ghoxrin Euro u seba` u tletin centezmu (€2527.37) (gja Lm1085).

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut u bl-imghax legali mid-data tal-gurnata li fih l-konvenut sarraf ic-cekk.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------